

31994R2612

28.10.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 279/7

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2612/94
tas-27 ta' Ottubru 1994**

li jiftaħ kwoti kwantitattivi ta' importazzjoni għal prodotti tat-tessuti fil-kategoriji 127 B u 145 mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew minn regoli oħra speċifiċi tal-Komunità dwar l-importazzjoni ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1756/94 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) u (5) ta' dan b'rabta ma' l-Artikolu 25(4) ta' dan,

Billi l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 517/94 jistipula li l-prodotti tat-tessuti mniżżla fl-Anness V li joriġinaw fil-pajjiżi elenkati jstgħu jkunu impurtati biss jekk limitu kwantitattiv annwali jkun ġie ffissat skond il-proċedura xierqa kif provduta mill-Artikolu 25;

Billi saret talba lill-Kummissjoni minn żewġ Stati Membri għall-introduzzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni li jkopru prodotti fil-kategoriji 127 B u 145 mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex jintlaħqu ċerti domandi tas-suq; billi l-kumitat stabbilit bl-Artikolu 25 kien, wara diskussjoni, qies li hu xieraq fid-dawl ta' l-istat ta' l-industrija tal-Komunità jiddeċiedi fuq 5 u 7 tunnelli rispettivament bħala l-limiti kwantitattivi annwali li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti fil-kategoriji 127 B u 145 li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tkun soġġetta mid-data li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ; billi għalhekk hu

meħtieġ li jkunu emendati l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 517/94 u jkun stipulat, fl-interessi tas-sigurtà legali li l-kwota tkun amministrata skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Regolament;

Billi dawn il-miżuri huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti tat-tessuti fil-kategoriji 127 B u 145 mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandha tkun soġġetta għal limiti kwantitattivi annwali ta' 5 u 7 tunnelli rispettivament li jkunu amministrati skond il-proċedura kif provduta fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 517/94.

Artikolu 2

L-Annessi IV u V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 għandu jkun emendat kif jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Ottubru 1994.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 183, tad-19.7.1994, p. 9.

L-ANNESS

"L-ANNESS IV

Limiti kwantitattivi annwali tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 3(1)

(Id-deskrizzjonijiet tal-prodotti elenkati f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

IĊ-ĊINA

Kategorija	Kejl	Kwantità
ex 13 ⁽¹⁾	1 000 biċċa	150
ex 18 ⁽¹⁾	tunnellati	98
ex 20 ⁽¹⁾	tunnellati	10
ex 24 ⁽¹⁾	1 000 biċċa	120
ex 39 ⁽¹⁾	tunnellati	10
ex 78 ⁽¹⁾	tunnellati	3
115	tunnellati	450
117	tunnellati	450
118	tunnellati	950
120	tunnellati	63
122	tunnellati	130
123	tunnellati	5
124	tunnellati	600
125 B	tunnellati	8
127 B	tunnellati	5
Ex 136 ⁽¹⁾ ⁽²⁾	tunnellati	285
140	tunnellati	100
145	tunnellati	7
146 A	tunnellati	15
146 B	tunnellati	110
146 C	tunnellati	270
156	tunnellati	760
157	tunnellati	5 400
159	tunnellati	3 020
160	tunnellati	30
161	tunnellati	10 777

⁽¹⁾ Kategoriji mmarkati bil-kelma 'ex' ikopru prodotti li ma jkunux tas-suf jew sxagharuf fin, tajjar jew materjal tat-tessut sintetiku jew artifiċjali.

⁽²⁾ Din il-kategorija tkopri biss drapp minsuġ u prodotti oħra tal-ħarir li ma jkunux bliċjati, magħruka jew bliċjati li jinsabu fil-kodiċijiet NM: 5007 20 19, 5007 20 31, 5007 20 39, 5007 20 41, 5007 20 59, 5007 20 61, 5007 20 69, 5007 20 71, 5007 90 30, 5007 90 50, 5007 90 90.

L-ANNESS V

imsemmi fl-Artikolu 3(3)

(Id-deskrizzjonijiet tal-prodotti fil-kategoriji elenkati f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

IĊ-ĊINA

Kategoriji: 121, 125 A, 126, 127 A, 133, 137, 141, 146 A, 146 B, 151 B."